MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 130/2014

**AB**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewwgu nhar l-ewwel ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija u hamsa u disghin (01.07.1995) kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom zewg (2) itfal, XD, li twieldet fis-sittax ta’ Lulju tas-sena elf disa mija u sitta u disghin (16.07.1996) u KD li twieldet fit-tletin ta’ Gunju tas-sena elf disa’ mija u tmienja u disghin (30.6.1998) u dunque it-tnejn minorenni;

Illi l-kontendenti nfirdu permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dottor Patricia Hall, datat tnejn u ghoxrin (22) ta’ Marzu tas-sena elfejn u hdax (22.03.2011) u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok B’;

Illi l-kontendenti ilhom ghal aktar minn erba’ (4) snin *de facto* separati u kull parti kienet u ghadha ssegwi hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin u percio’ fic-cirkostanzi prevalenti m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi a tenur tal-kuntratt ta’ separazzjoni ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;

Illi wkoll a tenur tal-kuntratt *de quo* r-ragel obbliga ruhu li jhallas bhala manteniment lill-mara s-somma ta’ erba mitt ewro (€400) bhala manteniment ghaz-zewg uliedu minuri u ghalkemm kien hemm xi problema dwar inadempjenza f’dan ir-rigward, l-esponenti lesti li tirrinunzja ghal dawn;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzojnijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66A *et seq* tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fit-terminu moghti minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' April, 2014;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Marzu 2011 u ilhom ghal aktar minn erba' snin de facto separati minn xulxin;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------